**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**

**Supretendent Fabian Fleri**

**Spettur Lydon Zammit**

**vs**

**Hamdi Habib Mohammad Shedi**

**Illum 9 ta' Marzu 2022**

Il-Qorti,

Rat lil Hamdi Habib Mohammed Shedi ta' 34 sena iben Hamdi Habib Mohammed u Fatima nee Garci imwieled fil-11 t'April 1986 gewwa Tunisia, detentur tal-karta tal-Identita 61180A u resident gewwa l-Facilita' Korettiva ta' Kordin.

Akkuzat talli

1. Nhar it-22 t'April 2020, ghal habta ta' 1830hrs minn gewwa l-istabiliment bl-isem ta' Phonerefix li jinsab fi Triq Dun Gejtano Mannarino, B'Kara ikkommetta serq ta' 600 Ewro, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-efejn tlett mija u disa u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (2329.37) u li sar ghad-dannu tas-sidien tal-imsemmija hanut u jew ta' xi persuna/i ohra. Artikoli 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 275, 277(b) 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setghat lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew isekwestra lil Kiesten Sammut kontra l-volonta tieghu u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikun mgieghel

jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta' hwejjgu Artikolu 86, 87(1)(c)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenza jew permess minn ghand il-Kummissarju tal-Pulizija (Artikolu 51(7), 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess dati hinijiet, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' sentenzi mghotija fil-konfront tieghu, mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikolu 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 31 ta' Lulju 2020.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioè dok FF – personal details, dok FF1 – fedina penali, okkorrenza mmarkata bhala dok LZ1, dikjarazzjoni ta' rifjut ta' assistenza legali mmarkata bhala dok LZ2, stqarrija awdjo vizwali dok LZ3, Dok NC1, Dok CA1, Dok CA2 u dok CA3, diversi sentenzi immarkati bhala MDF1, MDF2, MDF3 u MDF4, dok LF1, stqarrija tal-imputat dok KV1.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' Spettur Lydon Zammit, Kiestan Sammut, Charles Zammit, Nadia Ciappara f'isem ir-registratur tal-Qorti, Spettur Stephen Gulia, PS 1255 Christian Azzopardi, PS 3 Kevin Grima, PC 1404 Dale Cassar, Maria Dolores Fenech, PC 748 Nathan Ciappara, Spettur Roderick Spiteri, WPC 341 Leanne Farrugia, Dr Alexander Scerri Herrera, Dr Stephen Farrugia Sacco, PS 336 Francesco Imbroll, PS 976 Thomas Zammit, Dr Katya Vassallo, Supretendent Fabian Fleri

**Ikkunsidrat**

**L-ispettur Lydon Zammit** xehed u qal li fit-22 t'April 2020, il-Pulizija kienu gew infurmati li sehhet serqa minn gewwa stabiliment minn gewwa B'Kara. Il-persuna li dahlet biex taghmel is-serqa kienet armata b'sikkina. Meta gie mitkellem Kiersten Sammut qal li waqt li kien wara l-counter tal-hanut dahal ragel u f'idu kellu sikkina u qallu sabiex jaghtih il-flus. Fil-fatt kien tah madwar sitt mitt Ewro minn gewwa l-hanut. Minn dak li qal dwar id-deskrizzjoni tal-persuna qal li kien libes hoodie kif ukoll kelmu bil-lingwa Maltija izda b'accent Gharbi. Charles Zmmit li jigi l-propjetarju tal-hanut ikkonferma li kienu serqulu madwar sitt mitt Ewro. Minhabba li kien hemm Inkjesta ghaddejja fuq dak li sehh, bdew jingabru filmati fil-lokalita' halli jigi stabilit min seta' kien dan il-persuna li dahal u seraq dawn il-flus. Gara li mill-filmati deher wicc il-persuna u ghalhekk f'Lulju kienet dahlet informazzjoni min seta' kien dan il-persuna. Illi fil-fatt kien

gie arrestat l-istess imputat u ngieb minn gewwa l-Habs minhabba kaz iehor li kien ghaddej fuqu. Waqt l-interogazzjoni l-imputat innega li kien involut b'xi mod fil-kaz in kwistjoni. Huwa kien qalilhom li kien qieghed jghix gewwa vettura fejn kien ipparkjat gewwa Triq il-Vittmi gewwa B'Kara li hija madwar hames minuti mixi minn fejn sehhet is-serqa.

Xehed **Kirsten Sammut** fejn qal li huwa jahdem gewwa haunt tal-mobiles gewwa B'Kara fi zmien meta kienu hawn il-Covid, fejn kien wasal il-hin biex jaghlaq il-hanut. Dak il-hin waqt li kien qieghed jitkellem fuq il-mobile sab ma' wiccu persuna u beda jghajjat sabiex jaghtih il-flus. Minhabba li kien inhasad b'dak li kien ra beda jghajjat u l-persuna li kellha sikkina f'idha bdiet tghidlu biex ma jghajjatx. Kien hemmhekk li tah il-flus. Il-persuna kien kelmu bil-lingwa Maltija izda b'accent Gharbi. Il-persuna li dahlet fil-hanut kienet daqsxejn twila u kellu nuccali u gilda skura u bhala wicc ma kienx jingharaf u kellu mniehru 'l isfel. Is-sikkina li kellu f'idu kienet twila b'manku iswed u beda jippuntaha lejh. Huwa wkoll kellu f'idejh basket tad-drapp. Kompla jghid li kien tah madwar sitt mitt Ewro u hareg 'il barra u nizel 'l isfel mill-hanut. Huwa kompla jghid li kien gharaf lill-imputat gewwa l-Awla u anki minn lehnu meta tkellem fil-Qorti.

Xehed **Charles Zammit** fejn qal li huwa propjetarju ta' diversi hwienet u fosthom gewwa B'Kara. Kien cempillu Kirsten fuq it-telefon u qallu li kien dahal xi hadd fuqu b'sikkina. Kien fil-fatt ghadda filmati lill-Pulizija tas-CCTV tieghu. Huwa qal li kien jahseb li hadu xi tmien mitt Ewro.

Xehdet **Nadia Ciappara** fejn esebiet proces verbal bin-numru 966/2020, *Inkjesta dwar hold up li sehhet gewwa haunt bl-isme PhoneRefix sitwat gewwa Triq Dun Gejtanu Mannarino B'Kara li sehhet fit-22 t'April 2020*.

Xehed l-**Ispettur Stephen Gulia** fejn qal li kien involut waqt l-interrogazzjoni tal-imputat wara li kien ingieb minn gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Kien irrizulta li l-imputat kien homeless u qieghed jghix gewwa vettura gewwa B'Kara stess. Marru fuq il-post fejn kienet ipparkjata din il-vettura minhabba li kien indikalhom l-istess imputat. Il-post fejn sehhet is-serqa hija ftit 'il boghod minn fejn kienet ipparkjata din il-vettura.

Xehed **PS 1255 Christian Azzopardi** fejn qal li fit-22 t'April 2020 kien night watch u gie infurmat li kienet ghadha kemm sehhet serqa minn gewwa haunt tal-mobiles f'B'Kara. Meta kellmu lil Christian Sammut qalilhom li kienet dahlet persuna gewwa u kellha sikkina f'idha izda ma kienitx Maltija. Kien tkellem bil-Malti u mil-accent instema' li ma kienx Malti. Bdew jaraw jekk kienx hemm CCTV fl-akwati. Minn filmat li kienu gabru raw li kien hemm persuna mal-faccata li la kien liebes hoodie jew beritta. Minn camera gewwa Triq il-Qasab deher l-istess persuna sejjer lejn il-hanut. Illi huwa gharaf lill-imputat bhala l-persuna li deher fil-filmati. Meta kienu kellmu lill-imputat kien qalilhom li huwa homeless u jghix gewwa vettura tal-ghamla J10 ta' lewn abjad. Il-vettura ma kienitx ipparkjata 'l boghod minn fejn kienet sehhet is-serqa.

Xehed **PS3 Kevin Grima** fejn ikkonferma r-rapport Dok LZ1 li jinsab a fol 18 rigward serqa li sehhet fit-22 t'April 2020 minn gewwa B'Kara.

Xehed ukoll **PC 1404 Dale Cassar** fejn kien involut billi ra diversi filmati mehuda minn CCTV. Illi abbazi ta' dan bena timeline wera lil persuna ghaddejja minn triq ghal triq

sakemm waslet fil-hanut, ghamlet is-serqa u griet lura mill-istess toroq. Huwa esebixxa dok DC1 u hard copy tal-istess.

Xehdet **Maria Dolores Fenech** fejn esebiet erba' sentenzi fil-konfront tal-imputat li gew immarkati bhala Dok MDF1 sa Dok MDF 4.

Xehed **PC 748 Nathan Ciappara** fejn qal li kien mar flimkien mas-surgent tieghu rigward rapport ta' serqa li kienet sehhet.

Xehed ukoll l-Ispettur **Roderick Spiteri** fejn qal li huwa kien gie infurmat rigward is-serqa li kienet sehhet gewwa il-hanut Phone Refix f'B'Kara. Huwa kien infurma lill-Magistrat tal-Ghassa fuq il-kaz u kien ghamel rapport fuq il-kaz.

Xehdet **WPC 341 Leanne Farrugia** fejn ikkonfermat li l-imputat m'ghandux licenzja sabiex izomm armi jew inkella li ghandu armi registrati fuq ismu.

Xehed **Dr. Alexander Scerri Herrera** fejn ikkonferma li kien inkarigat fl-inkjesta u gharaf ir-rapport tieghu li kien ghamel.

Xehed **PS 336 Francesco Imbroll** flimkien ma' **PS 976 Thomas Zammit** fejn ikkonferma r-rapport tieghu a fol 69.

Xehdet **Dr Katya Vassallo** fejn esebiet traskrizzjoni tal-istqarrija tal-imputat.

Xehed **Dr Steven Farrugia Sacco** fejn ikkonferma r-rapport tieghu a fol 11 (dok SFS1).

Xehed **is-Supretendent Fabian Fleri** fejn qal li fit-22 t'April 2020 gie infurmat li kienet sehhet serqa minn gewwa hanut f'B'Kara. Illi gara li waqt li kien hemm l-impjegat gewwa l-hanut Kirsten Sammut. Illi l-persuna li dahlet fil-hanut kienet ordnatlu jaghtiha l-flus. Illi din il-persuna kellha basket isfar u sikkina f'idha. Kien liebes hoodie u nuccali kif ukoll beritta. L-impjegat pogga l-flus fil-baskett li kellu l-halliel u dan tal-ahhar harab minn fuq il-post. Illi il-Magistrat tal-Ghassa ordnat inkjesta u gew mahtura diversi esperti sabiex jghinu fl-investigazzjoni. Mill-filmati li kienu ngabbru, kien deher l-imputat fl-akkwati ta' fejn sehhet is-serqa u anki faccata tal-istess hanut. Illi l-imputat gie interrogat in konnessjoni ma' dan il-kaz fejn innega li kien involut. Kompla jghid li fil-fatt irrizulta li l-imputat ma kellux fejn joqghod u kien jghix gewwa vettura li kienet ipparkjata fil-vicin fejn sehh il-kaz. Illi minn kontro-ezami ikkonferma li ghalkemm marru jaraw sabiex jiehdu xi filmati mill-BOV tal-Marsa dan ma kienx possibbli ghax kien ghadda z-zmien.

Xehed l-imputat **Habib Mohamed Shedi Hamdi** fejn qal li ma kienx gewwa B'Kara dakinhar li kien sehh il-kaz. Huwa kien il-Marsa fil-hin li sehhet is-serqa. Huwa kien ghadda vicin il-Marsa BOV dak il-hin u kien fil-ghaxija.

In kontro-ezami qal li huwa kien jghix gewwa B'Kara f'karozza ghax kienet ta' wiehed Libjan. Hu qal li kien jaf fejn qieghed dan il-hanut u kien jghaddi minn quddiemu. Huwa kompla jghid li qatt ma kien resaq lejn il-hanut u lanqas ma kien raqad gewwa B'Kara dak iz-zmien ghax kien raqad il-Marsa. Huwa qal li ghandu x-xhieda izda jibza jitilghu mill-Ispettur. Tant li ma kienx involut, li kien mar l-ghassa tal-Pulizija fil-ghaxija fit-22 t'April. Meta mistoqsi ghala ma kienx qalilhom il-Pulizija ghax kien imfixkel. Illi meta mistqosi dwar x'qal ix-xhud qal li kien l-Ispettur li qallu x'ghandu jghid kontrih. Huwa nnega li kien hu dik il-persuna nvoluta.

Rat in-nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata tmienja (8) ta' Gunju, elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) fejn huwa dehrlu illi mill-Kompilazzjoni tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

1. Fl-Artikoli 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(c)(2), 263(a)(b), 264(1)(2), 265, 266(1)(2), 267, 275, 276, 277(a)(b), 278(1)(2)(3), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-artikoli 86 u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-Artikoli 6, 51(7), 56, 57 u 61 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta

4. Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

5. Fl-artikoli 15A, 17, 20, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li nhar is-16 ta' Lulju 2021 inqraw l-Artikoli fejn l-imputat wiegeb li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jinstema' bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni mill-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz jikkoncerna serqa li sehhet gewwa hanut tal-mobiles gewwa B'Kara. Illi persuna dahlet gewwa dan il-hanut waqt li l-vittma kien qieghed jitkellem fuq il-mobile tieghu gewwa l-hanut meta f'daqqa dahlet persuna liebsa hoodie fejn f'idejh kellu sikkina u baskett. Illi kif dahal gewwa talab lill-impjegat sabiex jaghtih il-flus. Illi kif tah il-flus harab u hareg barra direzzjoni 'l isfel mill-hanut. Illi mill-investigazzjoni tal-Pulizja waslu ghall-imputat wara informazzjoni mghoddija lilhom. Illi wkoll il-Pulizija elevaw diversi filmati minn CCTV f'postijiet differenti u raw il-movimenti tal-persuna li kienet involuta fis-serqa. Illi deher ukoll li l-persuna li dahlet fil-hanut ma kellhiex wiccha mghammad izda kien libes nuccalli, beritta u bil-hood. Illi il-persuna li dahlet gewwa skont ma' qal l-istess Kirsten Sammut, li kellmu bil-Malti izda deher li ma kienx tant li anki kellu accent Gharbi. Illi meta gie arrestat in konnessjoni mas-serqa u mill-interogazzjoni tieghu huwa innega dan kollu li huwa kien involut fis-serqa aggravata. Illi hareg pero' li l-imputat kien jghix gewwa vettura u li kienet ipparkjata ftit 'il boghod mill-imsemmi hanut fejn sehhet is-serqa.

**Ikkunsidrat**

Illi ghalhekk il-Qorti sabiex tasal ghal konkluzjoni jekk fic-cirkostanzi kollha tistax tasal ghal konkluzjoni li kien l-imputat, taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-Hamsa ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni talbon sens tieghu, jkun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord**

**Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni l-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

> *"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

**Ikkunsidrat**

Illi ghalhekk wara din l-esposizzjoni legali, mill-fatti u x-xhieda li ghandha quddiemha din il-Qorti trid tasal ghal konkluzzjoni jekk fil-fatt l-imputat kienx il-persuna nvoluta f'din is-serqa aggravata. Illi mill-provi mressqa kemm dawk CCTV u mix-xhieda okkulari, il-Qorti trid tkun certa li tista' twassal ghal sejbien ta' htija jew le. Illi ghalkemm il-Pulizija gabru diversi filmati dawn ma tantx jaghtu dawl bizzejjed sabiex il-Qorti tkun tista' tasal ghal konkluzzjoni dwar sejbien ta' htija. Illi madankollu, gie esebit still minn filmat fejn juri bic-car wicc il-persuna li wetqet dan ir-reat. Illi ghandu jinghad ukoll li Kirsten Sammut xehed u qal li kien gharaf lill-imputat tant li anki minn lehnu kien gharfu waqt li kien qieghed jixhed kontra l-imputat. Illi bla dubju ta' xejn il-Qorti ma tistax ma tkunx konvinta li kien l-imputat li wettaq din is-serqa. Illi ghalkemm l-imputat ghazel li jixhed ma tantx kien konvincenti fuq dak li qal fejn suppost kien post iehor u cioe' il-Marsa u mhux B'Kara waqt li kien qieghed isehh ir-reat.

**Ikkunsidrat**

**Ir-Reat ta' Serq Aggravat**

**L-Aggravji**

Illi hareg fic-car li l-imputat kien involut f'din is-serqa aggravata. Illi ghalkemm hemm prova ta' imagini tal-aggressur fil-mument li sehhet is-serqa, ix-xhieda tal-vittma f'dawn ic-cirkostanzi tkompli isahhah il-hsieb tal-Qorti dwar l-involviment tal-imputat f'din is-serqa. Illi bla dubju ta' xejn il-Qorti tara li l-imputat kienet il-persuna li wetqet dan ir-reat u cioe' dik ta' serq aggravat.

Illi ghalhekk jibqa' biss jekk l-elementi dwar l-aggravji f'cirkostanzi bhal dawn gewx ippruvat wkoll. Illi fin-nota tar-rinviju tal-avukat generali elenka diversi aggravja fejn l-imputat jista' jistab hati fuqhom. Illi fl-istess nota gew elenkati s-segwenti aggravji u cioe' l-artikoli fl-261(a)(b)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li huma l-aggravju tal-vjolenza, bil-mezz u bil-valur. Illi mill-provi mressqa l-imputat waqt li kien qieghed jikkommetti r-reat kellu fuqu sikkina fejn l-istess vittma ta deskrizzjoni taghha. Illi f'dan il-kaz f'dak li hemm

fl-artikolu 262(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li anki hawn il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Illi ghalhekk ukoll hemm l-aggravju elenkat mill-istess Avukat Generali dwar il-mezz. Illi l-artikolu 263 (b) jaghti definizzjoni dwar x'inhu l-mezz. Illi minn dak li rat il-Qorti ma jidhirx li l-imputat kellu wiccu mghotti tant li ma setax jingharaf. Huwa minnhu li kien libes nuccali u hoodie fil-mument li sehh ir-reat izda l-istess vittma kien f'posizzjoni jgharfu ghax ma kellux wiccu mghotti. Kieku kien ghalhekk zgur li l-vittma kien ikollu diffikulta li jaghmel hekk. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tarax li l-prosekuzzjoni rnexxiela tipprova li s-serq kien aggravat bil-mezz.

Illi l-ahhar aggravju huwa dak li hemm taht l-artikolu 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi hareg mix-xhieda ta' Kirsten Sammut li s-somma li kienet insterqet hija ta' sitt mitt Ewro. Illi dan l-aggravju jaghmel enfasi fuq il-fatt meta l-haga misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (232.94). Illi ghalhekk dan l-aggravju gie wkoll pruvat mill-prosekuzzjoni.

**Ir-Reat taht l-Artikolu 86 u 87(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

L-imputazzjoni taht l-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali wkoll tirrizulta ippruvata. L-artikolu 86 jattribwixxi sanzjonijiet penali lil min minn barra l-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna. Il-Professur Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu jaghmel riferenza ghall-awtur Roberti li jghid: "*Il reato preveduto nell'articolo 169" (illum l-artikolu 86) "esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li kienet osservat il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Keith Camilleri** (Appell Numru 178/2010) fejn qieset li z-zamma ta' persuna sakemm saret serqa li damet mhux aktar minn minuta ma kinitx zamma fugaci u li ghalhekk setghet tinstab htija fl-artikolu 86. Infatti l-Qorti kienet qalet hekk:

> *"L-ewwel Qorti dehrilha li l-mument li fih sehhet is-serqa in kwistjoni kien fugaci. L-appellant Avukat Generali jsostni l-kuntrarju. Wara li din il-Qorti ezaminat l-atti, ikollha tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali. Joan Zarb Adami xehdet li l-incident gara "f'sekondi. Ma nahsibx li kienet skorriet minuta." Fil-fatt ma jista' jkun hemm ebda dubju li l-incident ha aktar min sekonda, tnejn, sakemm l-appellat fetah il-bieba tax-xufier tat-truck u sprejjalu l-pepper spray go wiccu, u sadattant persuna ohra kisser hgiega tal-bieba l-ohra u seraq il-pouch bil-flus li kellu x-xufier fuq is-seat tal-passiggier. Ghalhekk, ghalkemm wiehed jista' jitkellem dwar "tempo brevissimo", dan kien iktar minn mument "fugaci". Ghalhekk ewwel Qorti kellha ssib htija anke dwar din l-imputazzjoni."*

Mill-provi prodotti l-imputat dahal gewwa l-hanut b'sikkina f'idejh tant li l-istess Kiersten Sammut inhasad u beda jghajjat. Kien ghalhekk li l-imputat qallu biex ma jghajjatx u dak il-hin kellu sikkina f'idejh u talab il-flus. Illi kien fatt li l-imputat zamm il-persuna kontra l-volonta taghha waqt li kien qieghed jikkometti r-reat ta' serq. Huwa minnu li s-serqa ma

hadietx aktar minn ftit minuti; pero fl-ebda kaz ma jista' jitqies li z-zamma kienet wahda fugaci u l-insenjatament tal-Qorti fil-kawza Il-Pulizija vs Keith Camilleri isib applikabbilita fit-totalita taghha ghall-kaz in dizamina. Ghalhekk l-imputazzjoni li inghatat taht l-artikolu 86 tirrizulta kollha.

**L-akkuza taht il-Kap 480 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi kif inghad hawn fuq, l-imputat waqt ir-reat kien qieghed igorr sikkina. Illi mill-provi mressqa rrizulta li huwa ma kellux licenzja tal-Kummissraju tal-Pulizija sabiex igorr jew izomm arma. Illi ghalhekk anki hawn il-Prosekuzzjoni rnexxiela tipprova l-kaz taghha kontra l-imputat.

**L-akkuza fuq ir-recidiva that l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-imputat gie akkuzat li huwa recediv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi mid-dokumenti esebiti a fol 70 et seq u cioe' diversi sentenzi fil-konfront tal-imputat. Illi l-konnotati tal-imputat u ma' dawk tas-sentenzi esebieti jidhru li huma tal-istess persuna u gew mghotija qabel id-data li kien sehh ir-reat li qieghed jigi akkuzat bih illum. Illi kien gie akkuzat fuq serq u meta instab hati kien inghata sentenza ta' prigunerija li jvarjaw bejn tmintax-il xahar sa sentejn. Illi minn dawn is-sentenzi juru li l-imputat ilu jxellef dufrejh mal-gustizzja fejn inghata kemm sentenzi ta' prigunerija. Illi f'dan il-kaz il-Qorti trid tara jekk fil-fatt l-imputat jistax jinstab hati li huwa recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dan ir-rgiward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Abela Paul moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Settembru, 2004 per Onor. Imhallef David Scicluna fejn insibu s-segwenti dictum:

> *"L-appellant gie akkuzat ukoll li sar recidiv in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' l-1 ta' Lulju 1997. Issa, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason James Agius moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:*
>
> *"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... "*

Illi f'dan il-kaz gew mghoddija diversi kopji ta' sentenzi fejn l-imputat kien gie misjub hati ta' serq. Illi bla dubju ta' xejn dawn is-sentenzi kollha jindikaw li huma fil-konfront tal-imputat. Illi ghalhekk f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni mid-diversi sentenzi esebieti ipprovat li l-imputat kien recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Madankollu l-Avukat Generali ghamel referenza wkoll ghall-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi f'dan il-kaz, l-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie msemmi u ghalhekk tali prova trid tingieb sabiex l-imputat ghandhux jinstab hati jew le f'dawn ic-cirkostanzi. L-artikolu 289 jaghmel referenza meta persuna f'kazijiet ta' recidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu (li f'dan il-kaz fuq serq) tigi misjuba hatja l-piena tizdied. Dan l-artikolu jinstab f'parti specjali u din hija dispossizzjoni specjali f'kaz tat-tieni kundanna ghal kommissjoni ta' reati tan-natura li jaqghu f'dan l-artikolu. Illi f'dan il-kaz, is-sentenzi esebiti fil-konfront tal-imputat kienu ta' natura ta' serq minn diversi postijiet.

Illi skont kif inhu deciz, l-imputat gie meqjus li huwa recidiv ghal fini tal-artikoli 49 u 50. Is-sentenzi esebiti kienu jittrattaw fuq serq f'dan il-kaz l-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jista jigi applikat. L-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali huwa applikabbli "fil-kazijiet ta' recidiva..." u peress li r-recidiva kif definita fl-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali tirrikjedi li l-persuna koncernata "tkun giet ikkundannata ghal reat..." Ghalhekk ladarba li l-imputat gie misjub li huwa recidiv skont l-artikolu 49 allura f'dan il-kaz l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali japplika wkoll. Illi ghaldaqstant a bazi tal-fatt mis-sentenzi esebieti l-imputat qieghed jigi misjub hati talli rrenda ruhhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(c)(2), 263(a)(b), 264(1)(2), 265, 266(1)(2), 267, 275, 276, 277(a)(b), 278(1)(2)(3), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 86 u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 6, 51(7), 56, 57 u 61 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 15A, 17, 20, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda ssib lill-imputat Hamdi Habib Mohammed Shedi hati tal-akkuzi kollha kif dedotti tieghu kif ukoll li renda ruhhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ghal perjodu komplessiv ta' erba' (4) snin prigunerija effettivi li minnhom ghandu jitnaqqas kull perjodu li l-hati ghamel bhala arrest preventiv, kif ukoll ghal multa ta' mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116,47) u tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta a favur tal-vittma Kiersten Sammut ghal zmien sena mil-lum.**

**Illi wkoll ai termini tal-artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti qieghda tikkundanna lill-hati Hamdi Habib Mohammed Shedi biex ihallas is-somma ta' elf mitejn u tnejn u tletin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€1232.95) ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-hatra ta' esperti.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**

**Magistrat**

**Dr Federico Barbaro-Sant**

**Deputat Registratur**